StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

**IL-LI**

**5 – 6 – 7 –**

**L-EWWEL KLASSI IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem u l-Kunjom: ______________________ Il-Klassi: _______________**

**TAQSIMA A** **(10 marki)**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' sinjal taħtha.**

**Eżempju.** Ġesù kien jgħallem lin-nies ta' żmienu permezz (tal-ħrejjef, tal-parabboli, tal-filmati).

1. L-anġlu (Gabrijel, Mikiel, Rafel) ħabbar lil Marija li kienet se tkun omm Alla.
2. Il-post qaddis li fih imorru jitolbu l-Lhud jissejjaħ (knisja, moskea, sinagoga).
3. (Fil-Bibbja, Fil-Koran, Fil-ktieb tax-xjenza) Alla jrid iwasslilna l-messaġġ tas-Salvazzjoni.
4. (David, Indrì, Barabba) kien wieħed mit-tnax-il appostlu li għażel Ġesù.
5. Iż-żejt tal-Griżma jiġi kkonsagrat mill-isqof (fil-Ġimgħa l-Kbira, f'Ħamis ix-Xirka, fil-Milied).
6. Simbolu użat li juri l-preżenza tal-Ispirtu s-Santu huwa (l-iljun, l-ħaruf, l-ħamiema).
7. Il-kelma (Evanġelju, Ġenesi, Apokalissi) tfisser 'L-Aħbar it-Tajba'.
8. Ġesù qam mill-mewt wara (tlett, ħamest, sebat) ijiem.
9. Bil-qawmien tiegħu mill-mewt, Ġesù rebaħ fuq (ir-Rumani, id-dnub, l-Eġizzjani).
10. L-aħjar mezz kif aħna nistgħu nikkomunikaw ma' Alla huwa permezz (tal-logħob, tal-kitba, tat-talb).



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA B** **(10 m**

**Imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin bil-kliem li ssib hawn taħt.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| fil-Griżma tal-Isqof | dixxipli | fil-Magħmudija | tal-għerf |
| aħwa | ~~Pentekoste~~ | tal-Ispirtu s-Santu | il-qawwa |
| Alla | għar-relazzjoni | tajjeb | |

**Eżempju.** Fil-Pentekoste niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.



1. ____________________ l-Ispirtu s-Santu jagħtina l-grazzja li ngħixu skont dak li jrid minna Alla, fuq il-passi ta' Ġesù.

2. ____________________ aħna nsiru Nsara maturi bid-dmir li ngħixu l-fidi tagħna.

3. Permezz ____________________ fina, aħna nirċievu seba' doni.

4. Bis-saħħa tad-don ____________________, aħna nagħrfu l-ħidma t'Alla fina u madwarna.

5. Bid-don tad-dehen, aħna naraw kif irridu ngħixu biex inkunu tabilħaqq ____________________ ta' Ġesù. Min għandu dan id-don ma jitfixkilx meta jiltaqa' ma' ideat li ma jaqblux mal-Evanġelju.

6. Bid-don tal-għaqal, nagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin u nagħżlu li nagħmlu dak li huwa ____________________.

7. ____________________ tgħinna ma nibżgħux nirriskjaw għal Ġesù u naħdmu għal dak li huwa tajjeb quddiem Alla, anki jekk ifisser li jwarrbuna, jgħajruna, jew iweġġgħuna.

8. Id-don tax-xjenza jgħinna nifhmu min hu ____________________.

9. Id-don tal-pjetà jgħinna nħarsu lejn Alla bħala l-Missier li jħobbna u lejn xulxin bħala ____________________, ulied l-istess Missier.

10. Il-biża' t'Alla mhuwiex li tibża' minnu imma li tibża' ____________________ li għandek miegħu.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA C** **(15-il m**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.**
(L-ewwel waħda hija eżempju.)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Aktar ma nikbru | | nsibu r-rakkont dwar il-ħolqien tad-dinja. |
| 2. | Il-pellegrinaġġ lejn il-belt ta' Mekka | | kienu aħwa u ħbieb ta' Ġesù. |
| 3. | Fil-Bibbja nsibu ġrajjiet | 1 | aktar nibdew naħsbu qabel ma nieħdu deċiżjoni. |
| 4. | Fil-Ġenesi | | niskopru aħjar min aħna. |
| 5. | Fl-istorja tat-Torri ta' Babel | | huwa l-awtur tal-Atti tal-Appostli. |
| 6. | Lazzru, Marija u Marta | | mhumiex ġejjin minn Alla. |
| 7. | Il-messaġġ ta' Alla | | li hu qiegħed magħna u jixtieq ikun fostna. |
| 8. | Meta naqraw il-Bibbja | | li flimkien jiffurmaw l-Istorja tas-Salvazzjoni. |
| 9. | San Luqa | | hu magħruf għall-imħabba tiegħu lejn in-natura. |
| 10. | Fil-Ktieb tas-Salmi | | kien ifejjaq u jaħfer id-dnubiet. |
| 11. | It-tbatija u l-ħażen | | huwa wieħed mill-ħames pilastri tal-Iżlam. |
| 12. | Alla wriena | | hu l-fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM. |
| 13. | San Franġisk t'Assisi | | il-bniedem tilef il-kapaċità li jikkomunika ma' sħabu. |
| 14. | San Ġorġ Preca | | David ifaħħar lil Alla. |
| 15. | Ġesù | | tfisser li tagħmel ħbieb mill-ġdid. |
| 16. | Ir-Rikonċiljazzjoni | | huwa mwassal lilna permezz tal-Bibbja. |

**TAQSIMA D** **(10 marki)**

**Imla l-vojt bil-personaġġi bibliċi li nsibu fl-Istorja tas-Salvazzjoni.**
(L-ewwel waħda hija eżempju.)

1. Alla għażel lil **Abraham** biex jitlaq minn artu u jmur fejn imexxih hu. Alla ried li dan il-personaġġ ikun missier il-poplu Lhudi.

2. Iżakk kellu iben u semmieh ____________________ u dan kellu tnax-il iben.

3. Wieħed mit-tnax kien ____________________ li ġie mibjugħ minn ħutu u, permezz tad-don li tah Alla li jaqra l-ħolm, spiċċa sar viċirè fl-Eġittu.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Għaddew ħafna snin u l-poplu Lhudi spiċċa mjassar fl-Eġittu. Kien hawnhekk li sejjaħ lil ____________________ sabiex jeħles lill-poplu Lhudi u jagħtih il-libertà.

5. Il-poplu Lhudi beda jgħix fl-art tal-Palestina u ħass il-bżonn li jkollu sultan li jmexxih. Wara s-sultan Sawl, Alla għażel lil ____________________. Dan baqa' magħruf bħala l-aqwa sultan tal-Lhud.



6. Il-Pjan tas-Salvazzjoni laħaq il-qofol tiegħu bil-miġja tal-iben il-waħdieni t'Alla, jiġifieri ____________________.

**TAQSIMA E** **(14-il marka)**

**Semmi l-postijiet fejn seħħew dawn il-ġrajjiet. L-ewwel ittra tat-tweġiba hija mogħtija bħala għajnuna.**

(L-ewwel waħda hija eżempju.)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-muntanja fejn Alla deher lil Mosè f'forma ta' għollieq jabad bin-nar bla ma jintemm. | Ħoreb |
| 2. | Il-post fejn twieled Ġesù. | **B**_______________ |
| 3. | Il-post fejn trabba Ġesù ma' Marija u Ġużeppi. | **N**_______________ |
| 4. | Fuq din il-muntanja seħħet il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni. | **T**_______________ |
| 5. | F'dan ir-raħal, Ġesù kien imur jistrieħ għand il-ħbieb tiegħu Marta, Marija u Lazzru. | **B**_______________ |
| 6. | L-ewwel miraklu li għamel Ġesù seħħ f'dan il-post. | **K**_______________ |
| 7. | Hawnhekk Ġesù fejjaq wieħed li kien agħmi u kkonverta lil Żakkew il-pubblikan. | **Ġ**_______________ |
| 8. | Il-belt fejn seħħew il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. | **Ġ**_______________ |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA F** **(15-il ma**

**Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu. U l-Mulej Alla ordna lill-bniedem u qallu: "Mis-siġar kollha tal-ġnien tista' tiekol, imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dakinhar li tiekol minnha żgur li tmut."



U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?'" U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu.'"

***(Ġen 3, 1-3)***

1. Agħti isem lil din il-ġrajja.

    ______________________________ *(marka)*

2. (a) Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta?

    ______________________________ *(marka)*

    (b) Ikteb ukoll minn liema kapitlu hi meħuda din is-silta.

    ______________________________ *(marka)*

3. Alla ħa lill-bniedem fi ġnien biex jaħdmu u jieħu ħsiebu. X'kien l-isem ta' dan il-ġnien?

    ______________________________ *(marka)*

4. L-istejjer kollha li nsibu fil-Bibbja juru l-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin.

    (a) Min qed jirrappreżenta t-tajjeb f'din is-silta?

    ______________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(b) Min qed jirrappreżenta l-ħażin f'din is-silta?

_______________________________________________ *(marka)*

5. Xi nsejħulu d-dnub li għamlu Adam u Eva?

_______________________________________________ *(marka)*

6. Jeżistu konsegwenzi li daħlu fid-dinja minħabba d-dnub li għamel il-bniedem. Immarka X ħdejn **tlieta** minn dawn il-konsegwenzi:

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. Il-mard | ☐ | b. Il-gost | ☐ |
| c. It-tbatija | ☐ | d. L-għerf | ☐ |
| e. Il-ferħ | ☐ | f. L-egoiżmu | ☐ |

*(3 marki)*

7. Min salvana mid-dnub li għamlu l-ewwel bnedmin?

_______________________________________________ *(marka)*

8. Semmi **żewġ** personaġġi li ma nsibuhomx fil-Bibbja li fil-ħajja tagħhom imxew fuq l-eżempju ta' Ġesù u għexu ħajja tajba.

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________ *(2 marki)*

9. Semmi **żewġ** affarijiet li inti bħal Nisrani/Nisranija tista' tagħmel biex turi mħabba lejn ħaddieħor:

*(2 marki)*









www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA G** **(14-il ma**

StudentBounty.com

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Semmi **wieħed** mill-personaġġi bibliċi li studjajt dwaru/dwarha din is-sena.

_______________________________________________ *(marka)*

2. Ikteb f'liema Testment nsibu dan/din il-personaġġ.

_______________________________________________ *(marka)*

3. F'**ħames** sentenzi, ikteb dwar il-ħajja ta' dan/din il-personaġġ.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(5 marki)*

4. Semmi kwalità li għalik tispikka l-aktar f'dan/din il-personaġġ.

_______________________________________________ *(marka)*

5. Ikteb x'tista' tagħmel inti, bħala Nisrani/Nisranija, biex timita lil dan/din il-personaġġ.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(3 marki)*

6. Ikteb talba qasira fejn fiha titlob lil Ġesù jgħinek tgħix tajjeb bħalma għex dan/din il-personaġġ.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(3 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

TAQSIMA H (12-il m

**Agħżel <u>WIEĦED</u> minn dawn l-erba' titli u, fuq karta separata, wieġeb f'madwar 80 kelma:**



1. Aħna nqisu l-ħajja tagħna bħala pellegrinaġġ. Bħala Nisrani/Nisranija, x'post għandu Alla f'dan il-vjaġġ tiegħek?

2. Ġesù għallem lin-nies ta' żmienu permezz tal-parabboli. Irrakkonta waħda mill-parabboli li qal Ġesù u li studjajt matul din is-sena.



3. Ġesù qal: "*Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien.*" Bħala Nisrani/Nisranija, kif tista' tagħmel dan fil-ħajja ta' kuljum?

4. Irrakkonta fi kliemek wieħed mill-mirakli li għamel Ġesù.

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers